Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2009

Numru. 174/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**John Vella bin Andrew u Mary nee' Spiteri, imwieled fil-25 ta' Mejju, 1959 u residenti fin fond numru 55,
Triq is-27 ta' Novembru 1678, Xewkija, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 301159(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi John Vella li gie akkuzat talli nhar id-19 ta' Ottubru, 2008, f'Ghawdex:

1) Bhala l-persuna li fuq ismu ghandu l-licenzja biex ikollu fil-pussess tieghu arma regolari senter tal-ghamla Benelli bin-numru M037071 u C20973 (numru tal-kanna) naqas li jzomm din l-arma fil-kustodja tieghu b'tali mod li din l-arma ma tigix f'idejn haddiehor;
2) U aktar talli bhala detentur ta' l-imsemmija arma naqas li jzomm l-imsemmija arma maqfula bla periklu;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-imputat u martu biss jirrisjedu fir-residenza minn fejn insterqet l-arma. Joseph Spiteri dahal meta l-imputat ma kienx id-dar bil-kunsens ta' mara tal-imputat u seraq l-arma in kwistjoni mill-vetrina tal-imputat u dan minghajr il-kunsens tal-imputat;

Kwindi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------